

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy Katowice – Zachód w Katowicach (il-Polonja) fit-28 ta' April 2023 – Skarb Państwa – Dyrektor Okręgowego Urzędu Miar w K. vs Z. sp.j.

(Kawża C-279/23, Skarb Państwa)

(2023/C 286/21)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Rejonowy Katowice – Zachód w Katowicach

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Skarb Państwa – Dyrektor Okręgowego Urzędu Miar w K.

Konvenut: Z. sp.j.

Domanda preliminari

L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2011/7/UE tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali ⁽¹⁾ jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lil qorti nazzjonali tiċħad rikors intiż għall-kisba ta' kumpens għall-ispejjeż ta' rkupru msemmija f'din id-dispożizzjoni minħabba li l-ħlas tardiv tad-debitur ma kienx sinjifikattiv jew minħabba li l-ammont dovut tad-dejn imħallas tardivament mid-debitur kien żgħir?

⁽¹⁾ ĠU 2011, L 48, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Arbeitsgericht Mainz (il-Ġermanja) fit-2 ta' Mejju 2023 – TC vs Firma Haus Jacobus Alten- und Altenpflegeheim gGmbH

(Kawża C-284/23, Haus Jacobus)

(2023/C 286/22)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Arbeitsgericht Mainz

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: TC

Konvenut: Firma Haus Jacobus Alten- und Altenpflegeheim gGmbH

Domanda preliminari

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija adita b'talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE dwar jekk id-dispożizzjonijiet Ġermaniżi nazzjonali tal-Artikoli 4 u 5 tal-Kündigungsschutzgesetz (il-Liġi dwar il-Protezzjoni Kontra t-Tkeċċija mix-Xogħol) li jipprovdu li anki mara li, inkwantu tqila, tibbenefika minn protezzjoni speċifika kontra t-tkeċċija mix-xogħol hija neċessarjament obbligata, sabiex iżżomm din il-protezzjoni, tippreżenta rikors fit-termini previsti minn dawn id-dispożizzjonijiet, humiex kompatibbli mad-Direttiva 92/85/KEE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355.